**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## LAQGHA TAL-KUNSILL

**It-42 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 22 ta' Frar 2016 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**

**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Annwali**
4. **Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2016**
5. **Rendikont dwar Jum il-Qrendi 2016**
6. **Immaniġjar tat-Traffiku fi Triq is-Salvatur u Triq iż-Żurrieq**
7. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
8. **Finanzi**
9. **Aġġornament**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-42 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 22 ta' Frar 2016 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-8:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tal-41 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

1.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar Minuta 6.15 u staqsa jekk huwiex possibbli li minflok *roundabout* fi Triq it-Tempesta jsiru Pelican Lights, minħabba li jista' jkun li se jkollna ħafna *roundabouts* f'xulxin.

1.2.1 Is-Sindku David Schembri qal li probabbli Transport Malta ma jaċċettawx il-proposta li nagħmlu l-*lights* minħabba li fuq in-naħa l-oħra ta' Triq it-Tempesta ma tistax issir bankina.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Cutajar, Segretarju Permanenti u Segretarju tal-Kabinett, bit-titlu **Laqgħa tal-Kabinett – Reġjun Nofsinhar.**

2.2 Inqrat Memo 04/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 4/2016 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning* 2016-2017.**

2.3 Inqrat Memo 05/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 5/2016 – Depożitu jew Użu ta' Krejn jew Makkinarju Ieħor.**

2.4 Inqrat Memo 06/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 6/2016 – Hinijiet ta' Ġbir ta' Skart mill-Kunsilli Lokali.**

2.5 Inqrat Memo 25/2015, mibgħuta mis-Sur Joseph Azzopardi għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 25/2015 – GPP.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Depożiti ta' flus minn Ċitazzjonijiet.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Forum Nazzjonali tal-Wirt Kulturali 2016 – il-Ġimgħa 19 ta' Frar 2016.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Fondi għal Żoni ta' Rekreazzjoni.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 22720.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 22721.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 22734 – *Direct Orders.***

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Tqassim ta' kotba dwar ir-restawr tal-fortifikazzjonijiet.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Community Work Scheme.***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Live Streaming Claims : Memo 5/2014 – URGENT.***

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea, *Senior Monitoring Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 26/16:* Kiri ta' Post għall-Użu tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea, *Senior Monitoring Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 31/16 – Creditor's Balance – 31/12/15.***

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea, *Senior Monitoring*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 43/16* – Kuntratti Skaduti tal-Kunsilli Lokali.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat, *Monitoring Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 44/16 – Rapport ta' Ħidma.**

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat, *Monitoring Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 44/16 – Applowdjar.**

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat, *Monitoring Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 667/15 – *Recording of Council Meetings.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat, *Monitoring Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 71 – Applowdjar tal-Iskedi ta' Pagamenti.**

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla, *Monitoring Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 619/15* – KJARIFIKA – Memo 33/2015 – Direttiva – Ftehim mal-Iskemi Dwar Ġbir ta' Skart Separat.**

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla, *Monitoring Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 72/16 – Unaudited Financial Statements.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla, *Monitoring Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 78/16 – Resurfacing* ta' Toroq mill-Kunsilli Lokali.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Margaret Psaila għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Payment – Memo 10/2015 Libraries.***

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Il-Qrendi.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali, bit-titlu ***Termination/Employment/Progressions of Staff.***

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Performance Appraisal Forms.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Cleavon Vella għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kabinett: Restawr tat-Torri tal-Ħamrija, il-Qrendi.**

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT – Europe for Citizens Programme – EU Funding Oppportunity for LCs – Open Call for Proposals – Deadline 1st March 2016.***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Circ. 8/2016 – AC4ACP Project.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Testaferrata de Noto, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***LCA Circular 13/2016 – Communications: using the potential of the localities.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Testaferrata de Noto, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***LCA Circular 15/2016 – PFWS Transcultural Forum – Cross Cultural Couples.***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lili Vasileva, *EU Project Coordinator* tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Cric. 10/2015 – EDIC Photo Exhibition.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Aquillina, *Accounts Clerk* fir-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***AED 2nd Payment Claim.***

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Manager tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Qrendi Pending Payments – Passa ai Tempi 2015.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Qrendi LC – Minutes No. 39.***

2.37.1 Is-Sindku David Schembri qal li min-naħa tal-GAL Xlokk qegħdin jitolbuna li nemendaw il-Minuti tal-Laqgħa 39 tas-7 Leġiżlatura tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Kunsill Lokali minħabba li fihom hemm imniżżel li l-Kumitat tad-Deċiżjonijiet tal-GAL Xlokk għandu fih maġġoranza tar-rappreżentanti tal-NGOs.

2.37.2 Qal li mill-GAL Xlokk qegħdin jgħidu li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi qiegħed jinsinwa li d-deċiżjonijiet fil-GAL Xlokk qegħdin jittieħdu bl-addoċċ.

2.37.3 Is-Sindku għamilha ċara li minn kif inhuma miktuba l-Minuti tal-Kunsill Lokali, fl-ebda ħin ma ssir referenza li d-deċiżjonijiet qegħdin jittieħdu bl-addoċċ, imma li fil-kumitat hemm maġġoranza ta' rappreżentanti tal-NGOs, filwaqt li r-rappreżentanti tal-Gvern huma f'minoranza.

2.37.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li l-Minuti għandhom jitħallew kif inhuma u ma jiġux emendati.

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charmaine Craus, Koordinatur tal-Komunikazzjoni fil-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura, bit-titlu **Arranġament Rotot Trasport Pubbliku.**

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Henriette Putzulu Caruana, Assistent Direttur fl-Aġenzija tal-Pagamenti Rurali u Agrikoli, bit-titlu ***EARFD 2007-2013 – Submission of Tender Declaration.***

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Colin Cremona, *EU Fund Support Officer* fl-Uffiċju tad-Deputat Prim Ministru, bit-titlu ***Payment of VAT Component.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Colin Cremona, *EU Fund Support Officer* fl-Uffiċju tad-Deputat Prim Ministru, bit-titlu ***Qrendi LC VAT.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Bradley Agius, *EU Fund Support Officer* fl-Uffiċju tad-Deputat Prim Ministru, bit-titlu ***Final Report for M313.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marika Inguanez, Uffiċjal fis-Segretarjat tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi, bit-titlu **President tal-Kunsill Skolastiku.**

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Micallef, *Environmental Health*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Practitioner* fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa, bit-titlu ***Information from the Local Councils with regards to possible stagnant water in valleys, public fountains, open reservoirs, ponds, etc… owned/managed by the Government/Local Council.***

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Chris Spiteri, Awditur tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, bit-titlu ***Qrendi Local Council.***

2.45.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega kif sal-Ġimgħa 19 ta' Frar 2016, il-Kunsill Lokali kellu jippreżenta l-*Unaudited Financial Stataments* lill-NAO, lill-Awdituri mqabbdin mill-Gvern, kif ukoll lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.45.2 Spjega kif il-Ħamis 18 ta' Frar 2016 filgħodu, l-awditur tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, is-Sur Chris Spiteri, permezz t'e-mail informa lill-Kunsill Lokali li l-*financial statements* kienu se jkunu lesti fil-ħin stipulat.

2.45.3 Żid li wara nofsinhar, għall-ħabta tal-5:15pm, irċevejna korrispodenza oħra fejn l-awditur Chris Spiteri qal li mhux se jlaħħaq jagħmel dawn il-*financial statements* u talab lill-Kunsill Lokali sabiex isib accountant/awditur ieħor li jgħaddi dawn il-finanzi.

2.45.4 Qal li l-Ġimgħa 19 ta' Frar filgħodu, infurmajna lill-awtoritajiet kollha konċernati dwar dan il-każ minħabba li l-*unaudited financial statements* ma kenux se jiddaħħlu fil-ħin.

2.45.5 Spjega kif issa qegħdin nistennew li dawn l-*unaudited financial statements* jiġu verifikati minn xi ħadd ieħor u tlabna lill-NAO sabiex jagħtuna estensjoni sat-Tlieta 1 ta' Marzu 2016 sabiex inkunu nistgħu nippreżentawhom.

2.45.6 Fisser kif s'issa għad ma kellna l-ebda risposta mill-awtoritajiet konċernati.

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Christine Camilleri, Segretarja tal-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju, bit-titlu **Laqgħat għall-Għaqdiet Volontarji ġewwa l-Kunsilli Lokali.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Debono, Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu, bit-titlu **Merħba.**

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Connie Richard, Kap taċ-Ċentru ta' Riżorsa Helen Keller, bit-titlu ***Green Flag Award Celebration Ceremony – Helen Keller Resource Centre Qrendi.***

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Vella bit-titlu ***Lifelong Learning Courses 2016-2017.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata de Noto minn Transport Malta, bit-titlu **Tabella tal-Lokalita'.**

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mark Anthony Cardona minn Transport Malta, bit-titlu ***Transport Malta: Trench Excavation and Reinstatement Guidelines.***

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Daniela Melanie Borg minn Transport Malta, bit-titlu ***Seminar Trench Excavation and Reinstatement Guidelines.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marthese Baldacchino, mis-Sezzjoni tal-Fondi tal-MEPA, bit-titlu ***UIF, CPPS, EIPP Funds.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Doreen Micallef, *Waste Promoter* ta' WasteServ Malta Ltd., bit-titlu **Kampanja Edukattiva – WasteServ.**

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Francisca Zahra, *Senior Clerk* ma' WasteServ Malta Ltd., bit-titlu ***Opening hrs for Public Holiday of 10th Feb '16.***

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer ta' GreenPAK Coop Society Ltd.*, bit-titlu ***Qrendi residents: Winners of*** **Irriċikla u Irbaħ ma'** ***GreenPAK Campaign.***

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Francesca Borg, *Core Team Member* minn *The President's Foundation for the Wellbeing of Society*, bit-titlu ***Transcultural Forum – Cross Cultural Couples.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur John Galea, *Regional Enforcement Officer* tar-Reġjun tan-Nofsinhar, dwar il-LESA.

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Katherine Grace Bonett mir-Residenza San Vinċenz de Paule, bit-titlu **Stedina Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'San Vinċenz de Paule.**

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Glen Farrugia bit-titlu ***Managing tourism in historic towns – Lecture and Public debate.***

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mid-W.P.S. 156 Sonia Anne Parascandolo mill-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu **Sitwazzjoni dwar ikel li jingħata lill-annimali.**

2.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Gladys Vella bit-titlu **servizz.gov.mt *users: contact list.***

2.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Winston De Giorgio minn AV Widgets Ltd., bit-titlu **Informazzjoni fit-Totem Kiosk.**

2.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Aquilina mill-ETC, bit-titlu **Ħarġa Kulturali 2016.**

2.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Philip Schembri, *Communications – P.A. to Chairman BICC,* bit-titlu ***Course Maintenance of Old Houses.***

2.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Antonella Trapani, *Advertising Sales Executive* ta' ourwedding.com.mt, bit-titlu **ourwedding.com.mt.**

2.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Simon Micallef minn JGC Ltd., bit-titlu ***Inclusive Play Equipment***.

2.68 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Roberta Schembri minn M Quip Co. Ltd., bit-titlu ***Quotation for supply of Access for all swing seats.***

2.69 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Annmarie Pace bit-titlu **QLC - MW 49/16.**

2.70 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit David Cilia bit-titlu **QLC – MW 49/16.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.71 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Magdalena Roessert bit-titlu **kellimni.com.**

2.72 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Mifsud, Kaxxiera/PRO tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, bit-titlu **Attivitajiet matul ix-xahar ta' Marzu.**

2.73 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Salvino Zammit, Kooridnatur tal-Attivitajiet Parrokjali, bit-titlu **Attivitajiet *Fund Raising* – Parroċċa.**

2.74 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marica Borg, Segretarja tal-Għaqda Kumittiva Għawdex, bit-titlu **Għaqda Kummitiva Għawdex.**

## 3. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU ANNWALI

3.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa f'Minuta 2.45 ta' din l-istess laqgħa.

## 4. AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2016

4.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-ġimgħa li għaddiet saret laqgħa oħra tas-sotto kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata.

4.2 Qal li l-kantanta Marisa d'Amato kkonfermat l-attendenza tagħha u qegħdin nippruvaw insibu kantanti oħra sabiex ikunu parti mid-divertiment ta' dan il-Festival.

4.3 Spjega kif anke ġibna kwotazzjoni mingħand il-grupp Tikka Band, imma

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

spjega wkoll li din il-band m'għandhiex kantant/a.

4.4 Qal ukoll li bħalissa qed nesploraw il-possibilta' li dakinhar tal-Festival nagħmlu *pet walk* u bħalissa għaddejjin xi diskussjonijiet.

4.5 Fl-aħħar nett qal li l-laqgħa li jmiss tas-sotto kumitat se ssir nhar it-Tnejn 7 ta' Marzu u f'din il-laqgħa se niltaqgħu mas-Soċjetajiet u l-Għaqdiet sabiex nitkellmu b'mod speċjali dwar l-istands tal-ikel għal dan il-Festival.

## 5. RENDIKONT DWAR JUM IL-QRENDI 2016

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li bħala attivitajiet ta' Jum u Ġieħ il-Qrendi 2016 kienu sodisfaċenti.

5.2 Qal li kien hemm min ippropona li l-Kunsill Lokali għandu jagħmel sett t'ingravajjet/mufflers għal din l-okkażjoni sabiex jibdew jintlibsu mill-bandisti.

5.2.1 Wara diskussjoni ġie deċiż li għal Jum il-Qrendi, għandu jsir sett ta' marċi li jkunu f'librett wieħed li jintuża' dejjem hu meta jdoqqu s-Soċjetajiet flimkien.

5.2.2 Dan il-librett għandu jiġi fformulat aktar tard matul din is-sena b'konsultazzjoni mad-delegati tal-baned.

5.3 Tkellem ukoll dwar il-proċess ta' Ġieħ il-Qrendi 2016 u qal li jħoss li l-proċess kien wieħed tajjeb u ġust.

5.4 Żid li kien hemm min ippropona li persuni li ħallewna m'għandhomx ikunu eliġibbli li jirċievu dan il-Ġieħ.

5.4.1 Saret diskussjoni wiesgħa dwar din il-proposta u ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni finali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.5 Saret diskussjoni wkoll dwar kif għandhom jingħataw il-marki sabiex jiġi deċiż min ħaqqu jirbaħ dan il-Ġieħ, imma dwar dan ukoll ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni finali.

5.6 Is-Sindku ppropona li fil-laqgħa li jmiss din għandha tkun parti mill-Aġenda tal-Kunsill Lokali u għaldaqstant tiġi diskussa fil-laqgħa ta' Marzu 2016.

## 6. IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FI TRIQ IS-SALVATUR U TRIQ IŻ-ŻURRIEQ

6.1 Is-Sindku David Schembri qal li għandna diversi problemi tat-traffiku, speċjalment fi Triq is-Salvatur, Triq iż-Żurrieq u parti minn Triq it-Torri.

6.2 Qal li prattikament il-problema tibda anke minn kantuniera ma' Triq Santa Katarina, u din il-problema kulma jmur qiegħda tikber.

6.3 Spjega kif il-problema ta' Triq iż-Żurrieq qiegħda tikber għax issa ġiet mifruxa wkoll sa kantuniera ma' Triq il-Biżantini.

6.4 Wara diskussjoni twila u wiesgħa ġie deċiż li se nkunu qegħdin nitkellmu mal-kuntratturi tagħna tal-Koperattiva tat-Tabelli u Sinjali tat-Toroq, sabiex jagħtuna parir professjonali dwar l-immaniġġjar tat-traffiku f'dawn it-toroq sabiex imbagħad nibagħtu l-proposti lil Transport Malta.

## 7. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-afforestazzjoni ta' Triq it-Tempesta se

ssir fil-ġimgħat li ġejjin.

7.1.1 Qal li sibna *sponsorship* ta' tletin (30) siġra u dawn se jkunu qegħdin jitħawlu dalwaqt.

7.2 Is-Sindku qal li nhar il-5 t'April 2016, l-Arċisqof Monsinjur Charles J. Scicluna se jkun qiegħed iħawwel siġra waqt żjara li se jagħmel fl-Iskola Primarja tal-Qrendi.

7.3 Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu fejn kienu mistiedna l-Kunsilli Lokali kollha li għandhom l-istudenti jattendu dan il-Kulleġġ, u qal li kienet laqgħa informattiva u tajba.

7.4 Is-Sindku qal li ftit tal-jiem ilu, bl-għajnuna tad-Direttorat għat-Tindif, saret kampanja fl-Iskola Primarja permezz ta' *Garby and Tidy* fl-istess ħin li kienet qiegħda titnaddaf iż-żona ta' San Niklaw.

7.5 Is-Sindku qal li d-Direttorat għat-Tindif naddfu ż-żona ta' San Niklaw u ta' Triq il-Providenza minn fejn ġabru ammont kbir ta' skart li kien mormi matul is-snin.

7.5.1 Qal li għalkemm sar it-tindif neċessarju, xorta waħda hemm min qiegħed jerġa' jitfa' l-iskart f'dawn iż-żoni.

7.6 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett Edukazzjoni +. Qal li se tkun qiegħda ssir librerija viżiva t'intervisti ma' persuni li għandhom esperjenza kbira f'xi qasam jew ieħor tal-ħajja.

7.6.1 Żied li l-Iskola Primarja se tkun qiegħda tieħu sehem f'dan il-proġett pilota.

7.7 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-MELP u l-ELC dwar kif tista' tiġi rranġata u msebbħa r-*roundabout* ta' Triq it-Tempesta.

7.8 Is-Sindku tkellem dwar iċ-ċerimonja tal-għoti tal-Bandiera l-Hadra liċ-Ċentru ta' Riżorsa Helen Keller.

7.9 Is-Sindku tkellem dwar id-*Day Care Centre* taż-Żurrieq u qal li dan se jibda jiftaħ kuljum, mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.9.1 Qal li mill-Qrendi jattendu madwar 15-il persuna li jmorru kull nhar ta' Ħamis bi trasport li jkun provdut mill-Kunsill Lokali.

7.9.2 Żied li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jipprovdi t-trasport ta' kuljum, dan se jkun qiegħed jiswiena ħafna.

7.9.3 Wara diskussjoni ssemmiet il-possibilta' li forsi tiġi evalwata l-proposta li ssir applikazzjoni sabiex isir Ċentru ta' Matul il-Jum fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali li għandna l-Qrendi.

7.10 Is-Sindku tkellem dwar il-bandli għal persuni bi bżonnijiet differenti.

7.10.1 Qal li l-Kunsill Lokali kellu f'idejh żewġ kwotazzjonijiet, waħda mingħand M Quip Co. Ltd., u l-oħra mingħand JGC Ltd.

7.10.2 Spjega kif il-kwotazzjoni ta' M Quip Ltd., kienet tammonta għal €2,500 u €1,100 rispettivament, għal żewġ bandli differenti.

7.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega li jekk il-Kunsill Lokali imur għall-ewwel għażla tal-M Quip Co. Ltd., ikollu joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet minħabba li l-ammont jaqbeż dak stipulat għal *direct orders*.

7.10.4 Is-Sindku kompla jgħid li l-kwotazzjoni mingħand JGC Ltd., kienet ta' €575.

7.10.5 Ippropona li l-Kunsill Lokali għandu jaċċetta l-kwotazzjoni ta' JGC Ltd., u nġibu żewġ bandli għal persuni bi bżonnijiet differenti.

7.10.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-propsota.

7.11 Is-Sindku tkellem dwar l-espressjoni t'interess għall-ġbir ta' skart riċiklat.

7.11.1 Qal li wasal iż-żmien li l-Kunsill Lokali jiddeċiedi ma' liema koperattiva jrid jaħdem, jekk hux ma' GreenPAK jew inkella ma' GreenMT.

7.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-proposti li l-Kunsill Lokali rċieva

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

mingħand iż-żewġ koperattivi.

7.11.3 Is-Sindku spjega li bħala proposti kienu simili ħafna u qal ukoll li f'dawn l-aħħar snin konna qegħdin naħdmu ma' GreenPAK u dejjem irċevejna servizz eċċellenti.

7.11.4 Ippropona li in viżta tal-mod kif qegħdin naħdmu ma' GreenPAK u minħabba li l-proposti huma relattivament simili, għandna nerġgħu nagħżlu lil GreenPAK sabiex naħdmu magħhom għas-snin li ġejjin.

7.11.5 Is-Sindku qal li qabel niffirmaw il-kuntratt, niltaqgħu ma' din il-koperattiva.

7.11.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

7.12 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-attivita' li saret fi Frar kienet waħda tajba ħafna.

7.13 Qal li probabbli l-attivita' li jmiss tkun aktar iffukata fuq l-aspett kulturali u hija mistennija li ssir jew fid-29 ta' Marzu nkella fil-5 t'April.

7.13.1 Żied li se jkun qiegħed jitkellem mal-kuraturi ta' Heritage Malta sabiex forsi ssir żjara f'Sant'Iermu.

7.14 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-websajt il-ġdida tal-Kunsill Lokali u qal li ltqajna mal-istudent li qed jieħu ħsieb il-formolazzjoni ta' din il-websajt.

7.14.1 Qal li bħala websajt jidher li se tkun professjonali u fadal ftit xogħol ieħor sabiex din tkun finalizzata.

7.15 Il-Viċi Sindku staqsa jekk tkunx ideali li l-Kunsill Lokali jagħti bandiera tal-lokalita' lill-għaqdiet politiċi tal-lokal sabiex din tkun tista' tittella' f'Jum il-Qrendi minn sena għal oħra.

7.15.1 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jagħti bandiera lill-każin tal-Partit Laburista u tal-Partit Nazzjonalista fil-lokal.

7.15.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.16 Il-Viċi Sindku tkellem dwar Sqaq il-Lhudija u staqsa jekk huwiex possibbli li jitneħħa l-ġebel il-kbir li hemm f'dan l-isqaq.

7.17 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk jistgħux isiru żewġ marki biż-żebgħa mal-art 'STOP', fi Triq il-Fulija k/ma' Triq il-Ġwiewel, kif ukoll tiġi rifriskata l-iSTOP li hemm fi Triq il-Ġwiewel k/ma' Triq iż-Żurrieq.

7.17.1 Is-Sindku wieġeb li se nkunu qegħdin nitkellmu mal-Koptasin sabiex dawn isiru fil-ġimgħat li ġejjin.

7.18 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar il-*crash barrier* li hemm fi Triq Ħaġar Qim u qalet li din qiegħda perikoluża minħabba li ntlaqtet minn xi karozza.

7.18.1 Is-Sindku wieġeb li din se tiġi rranġatha minn Transport Malta.

7.19 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li fil-Qrendi għad m'għandniex aċċess li wieħed ikun jista' jiċċarġja karozza elettrika.

7.19.1 Is-Sindku wieġeb li ġejna mistoqsijin mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu jekk għandniex dan l-aċċess u r-risposta li tajna kienet fin-negattiv.

## 8. **FINANZI**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €22,985.32 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 02/16 u €107.09c skont il-*Petty Cash* Ref T/01.

8.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

8.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

8.4 Il-Viċi Sindku qal li issa għaddew tliet snin minn din il-leġiżlatura li hu kien jifforma parti minn dan is-sotto kumitat.

8.4.1 Qal li kien qiegħed jirreżenja minn dan is-sotto kumitat sabiex ikun hemm trasparenza sħiħa fl-operat tal-Kunsill Lokali.

8.5 Is-Sindku qal li dan is-sotto kumitat ikun dejjem iffurmat minn membru minn kull partit politiku, u hu jkun iċ-Ċermen tiegħu. Għaldaqstant ippropona li l-Kunsillier Olympia Sant Mifsud għandha tkun parti minn dan is-sotto kumitat minflok il-Viċi Sindku.

8.6 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud aċċettat li tibda tifforma parti minn dan is-sotto kumitat.

8.7 In viżta ta' dan kollu, il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li anke hu se jkun qiegħed jirreżenja minn dan is-sotto kumitat.

8.8 Is-Sindku ppropona li l-Kunsillier Daniela Farrugia għandha tibda tifforma parti minn dan is-sotto kumitat.

8.9 Il-Kunsillier Daniela Farrugia aċċettat li tibda tifforma parti minn dan is-sotto kumitat.

8.10 Għaldaqstant, mil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali s-sotto kumitat tal-finanzi se jkun iffurmat kif ġej:

Ċermen – Is-Sindku David Schembri
Membri – Il-Kunsillier Daniela Farrugia
Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016 fil-5:30pm.

9.2 Ġie deċiż ukoll li l-laqgħa tal-lokalita' tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi se ssir nhar it-Tnejn 4 t'April 2016 fis-6pm.

9.3 Minħabba li se jkun diskuss l-immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq it-Tempesta, ġie propost li din il-laqgħa ma ssirx fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali bħas-soltu, imma ssir fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

9.3.1 Is-Sindku qal li se nitkellmu mal-Kappillan dwar dan.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |